**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR. IMHALLEF**
**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Seduta tal-28 ta' Gunju 2023**

**Rikors Numru : 111/2019 JPG**

**Kawza Numru : 23**

**EB**
**Vs**
**JM**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' EB datat 29 t'April 2019, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

1. *Illi minn relazzjoni li kellhom il-partijiet, twieldet il-minuri LMB nhar X (ara ċertifikat tat-twelid hawn anness u mmarkat bħala Dok A);*

2. *Illi l-partijiet irregolaw il-kura u kustodja, l-aċċess u l-manteniment tal-imsemmija minuri, fost affarjiet ohra permezz ta kuntratt datat 9 ta' Novembru, 2015, fl-atti tan-Nutar Tonio Cauchi (ara Dok. B);*

3. *Illi permezz tal-istess kuntratt, il-partijiet qablu illi l-kura u kustodja tal-minuri LMB ghandha tkun wahda kongunta, b'access liberu favur il-missier;*

4. *Illi ftit wara li gie ffirmat l-imsemmi kuntratt, l-intimat telaq minn Malta ghal aktar minn tlett xhur. Illi in oltre huwa ezercita l-access b'mod sporadiku ghall-ahhar;*

5. *Illi l-esponenti fetħet proċeduri ta' medjazzjoni u dana sabiex taghmel l-arrangjamenti kollha mehtiega sabiex il-minuri tattendi ghall-sessjonijiet ma play therapist, fost ohrajn, u dana wara li l-konvenut oggezjona li jaghti l-kunsens tieghu. Illi l-esponenti riedet ukoll tvarja l-imsemmi kuntratt hawn fuq surreferit u dana peress li tinsab inkwetata fuq il-qaghda psikologika tal-konvenut;*

6. *Illi l-konvenut naqas li jattendi ghall-medjazzjoni u ghalhekk l-esponenti giet kostretta li tiftah il-kawza odjerna. Illi filfatt hija giet awtorizzata tiftah din il-kawza permezz ta' digriet ta' din l-Onorabbli Qorti datat 3 ta' Marzu, 2019 (ara Dok C hawn anness);*

7. *Il-fatti hawn dikjarati tafhom hi personalment;*

*Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, l-esponenti umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-*

1. *Tvarja l-imsemmi kuntratt datat 9 ta' Novembru, 2015 u tordna li l-kura u kustodja tal-minuri LMB tiġi f'data f'idejn l-esponenti;*

2. *Tawtorizza lill-esponenti tieħu d-decizjonijiet kollha rigward s-saħħa u edukazzjoni tal-minuri LMB;*

3. *Tagħti dawk il-provedimenti xierqa u opportuni li jikkonċernaw lill-minuri LMB, fosthom izda mhux limitatament, dwar kif għandu jiġi regolat is-safar u l-ħruġ tal-passaport tal-minuri, b'dan illi l-passaporti għandhom jinżammu u jinħargu mill-esponenti mingħajr il-kunsens tal-konvenut, u dan taħt kull provediment xieraq u opportun li jogħġobha tagħti din l-Onorabbli Qorti;*

4. *Tvarja l-aċċess kif stipulat fil-kuntratt li ġie ppublikat fl-atti tan-Nutar Dr Tonio Cauchi datat 9 ta' Novembru, 2015 u tordna li l-aċċess ikun taħt superviżjoni tal-Aġenzija Appoġġ; u dan wara li jirriżulta illi huwa fl-aħjar interess tal-minuri;*

5. *Tvarja l-klawzoli msemmija fil-kuntratt li gie ppublikat fl-atti tan-Nutar Dr. Tonio Cauchi u tawmenta l-manteniment stipulat filwaqt li tordna li dan ghandu jigi depozitat f'kont bankarju indikat mill-esponenti, kif ukoll tordna illi dawn l-alimenti jigu mnaqqsa direttament mis-salarju jew qliegh tal-konvenut, mill-impjieg jew xoghol, jew kwalunkwe beneficcju li qed jippercepixxi l-konvenut u tipprovdi dwar il-modalitajiet ta' kif l-istess manteniment ghandu jigi rivedut u jawmenta kull sena sabiex jirrifletti z-zieda fl-gholi tal-hajja;*

6. *Tordna lill-konvenut iħallas l-arretrati kollha ta' manteniment u ta' spejjez ta' saħħa u edukazzjoni;*

*Bl-ispejjeż u imgħaxijiet kollha kontra l-konvenut, li huwa minn issa nġunt għas-*subizzjoni.

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta tal-intimat li taqra hekk (Vide Fol 41);

*1.Illi primarjament l-allegazzjonijiet kollha tar-rikorrenti huma kollha infondati kemm fil-fatt u kemm fid-dritt hekk kif ser jigi pprovat fil-mori tal-kawza;*

*2. Illi huwa veru li l-partijiet kellhom relazzjoni minn liema relazzjoni twieldet il-minuri LMB;*

*3. Illi hija l-istess rikorrenti li qeghda u ilha zmien tipprova tbieghed lil konvenut mill-minuri stante li hija ben konsapevoli li huwa u nibtu ghandhom rleazzjoni tajba u hija qeghda taghmel minn kollox sabiex bl-ebda mod l-konvenut ma jara l-minuri;*

*4. Illi l-esponenti jaghmel minn kollox sabiex ma jinqalax l-inkwiet u l-uniku nteress li ghandu huwa l-gid tal-minuri;*

*5.Illi bir-rispett kollu l-esponenti kien siefer ghal zmien barra minn Malta u zamm kuntatt ma bintu via Skype mhux talli meta bintu urietu x-xewqa li riedet lil missierha jerga' jirritorna Malta huwa qata' ticket mill-Awstralja u gie lura Malta;*

*6.Illi rigward il-medjazzjoni l-esponenti jirrileva illi huwa qatt ma kien gie notifikat bil-proceduri;*

*7.Illi fil-proceduri diversi quddiem l-Onorabbli Qorti l-attrici obbligat ruhha li tiffacilita l-access u anke ivvintat play therapy u hafna ostakli pero' l-esponenti issottometta li jmur ghat-terapija jekk dan huwa ta' gid ghal minuri;*

*8.Illi mhux talli r-rikorrenti qeghda taparsi tghin talli b'mod zlejat intavolat dawna l-proceduri sabiex hija zzomm il-boghod l-bint minn missierha;*

*9.Illi kif tista' facilment tara anke mill-atti u minn kif gew intavolati it-talbiet dana huwa kaz klassiku ta' parental alienation u l-esponenti gie anke avvicinat mill-Agenzija Appogg (mhux huwa avvicina l-Agenzija) minhabba l-mod ta' kif b'mod zlejali l-omm qeghda zzomm li bint milli tara l-missierha hekk kif ser jigi ppruvat fil-mori tal-kawza;*

*10.Illi bir-rispett kollu hemm kuntratt li ghandu jigi onorat stante l-kuncett ta' pacta sunt servanda;*

*11.Illi bir-rispett kollu r-rikorrenti ghandha tissottometti ruhha ghal evalwazjonijiet psikologici u testijiet ohra fuq ordni ta' dina l-Onorabbli Qorti sabix dina l-Qorti sabiex l-istess Onorabbli Qorti tara x'inhu l-ahjar interess tal-minuri;*

*12.Ghaldaqstant, in vista tal-premess l-konvenut jiribatti li huwa wiehed ghandu interss wiehed li huwa l-ahjar interess tal-minuri li t-talbiet tar-rikorrenti jigu michuda in toto u ghal ragunijiet premess u hekk kif ser jigi provat fil-mori tal-kawza;*

*13.Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

Rat illi akkordat lill-partijiet il-fakolta li jipprezenta s-sottomissjonijiet taghhom fi zmien tlett gimghat kull wiehed. (Vide Fol 315)

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti kollha tal-kaz;

Rat id-digriet taghha tat-8 ta' Gunju 2021 li permezz tieghu il-Qorti ordnat pendente lite li l-kura u kustodja u r-residenza primarja tal-minuri LMB tkun vestita fir-rikorrenti EB. Di piu' awtorizzat lir-rikorrenti sabiex wahidha tiehu kwalunkwe decizjoni relatata mas-sahha tal-minuri.

Rat in-noti ta' Sottomissjonijiet tal-partijiet;

**Ikkonsidrat:**

***Surgent 1336 Luke Vella Cassia xehed nhar il-8 ta' Lulju 2019 (vide fol 117A)*** u esebixxa l-fedina penali tal-intimat u kif ukoll total ta' seba' (7) rapport tal-Pulizija.

***Connie Azzopardi in rapprezentanta ghad-Direttur tas-Sigurta Socjali xehdet nhar it- 8 ta' Lulju 2019 (vide fol 117A et seq)*** u spejgat li mir-ricerka li ghamlet jirrizulta illi l-attrici kienet tippercepixxi *children's allowance* fis-snin passati u cioe sas-sena 2013 u prezentat dokumentazzjoni ghar-rigward. Izzid illi fir-rigward tal-intimat ma sabet xejn.

***Karen Cremona in rapprezentanza ta' Transport Malta xehdet nhar it- 8 ta' Lulju 2019 (vide fol 117B et seq)*** u prezentat sensiela ta' dokumenti li juru li l-intimat ghandu vettura wahda rregistrata fuq ismu tal-ghamla Toyota Carina, liema vettura pero' hija rraportata misruqa u ilha rapportata hekk mit-13 ta' Settembru 2013, b'dana illi fil-prezent m'ghandu l-ebda vettura registrata fuq ismu.

***Joseph Saliba in rapprezentanza tal-Jobs Plus xehed nhar it- 8 ta' Lulju 2019 (vide fol 117B et seq)*** u esebixxa *employment history* tal-partijiet u kif ukoll ir-*registration history.*

***L-Ispettur Balzan Engerger xehed nhar it 8 ta' Lulju 2019 (vide fol 117 C)*** u spjega illi ma sab l-ebda rapport maghmul mill-attrici fil-konfront tal-intimat fl-ghassa ta' San Giljan.

***Elaine Siegler Kap tal-Iskola Sacred Heart School ta' San Giljan, xehdet nhar 2 ta' Ottubru 2019 (vide fol 125)*** u spjegat illi l-minuri qiegheda fil-hames sena u li kemm ilha Kap tal-Iskola ix-xhud kellha kuntatt kemm mal-omm u kif ukoll mal-missier. Izzid illi l-progress akkademiku tal-minuri ma jinkwetahomx izda kien hemm drabi fejn f'xi sena precedenti kienu gibdu l-attenzjoni tal-omm fuq in-nuqqas ta' attendenza tal-minuri. Illi kien hemm zmien fejn il-minuri

kienet qieghda tara lis-*social worker* tal-iskola. Tixhed illi l-karattru tal-minuri huwa rizervat pero jidher illi mas-*social worker* donnha fethet qalbha aktar. Tispjega illi meta kienu baghtu ghall-omm, l-omm kienet anzjuza ghaliex ir-relazzjoni taghha mal-missier ma kienitx sew u anke peress li hi kienet qieghda tmatni u tiehu hsieb lill-minuri wahedha. Ix-xhud tirrakonta illi hi kellha kuntatt mal-missier fis-sajf tas-sena 2017 u dan wara li l-missier kien talab *meeting* ghaliex kien talab illi jkun infurmat fuq l-izvilupp tal-minuri. Illi da parti tal-iskola huma kienu fethulu *account* fuq l-*online portal* u baghtulu anke r-rizultati. Il-missier inghata ukoll appuntamenti ghal *Parents' Day* u milli setghu huwa zammew kuntatt mal-missier. Ix-xhud tikkonferma illi l-minuri ilha tattendi f'din l-iskola mill- Year 1.

***Emanuel Balzan, in rapprezentanza tal-Istpar Mount Carmel xehed nhar it-2 ta' Ottubru 2019 (vide fol 129 et seq)*** u spjega illi skond ir-*records* taghhom, il-partijiet qatt ma kienu pazjenti f'dan l-isptar. Jixhed illi fl-eventwalita' li huma attendew ghal xi appuntamenti Mater Dei, huma ma jkollhomx *record* ta' dan.

***Julian Xuereb xehed nhar is- 6 ta' Novembru 2019 (vide fol 8)*** u spjega illi huwa ilu jaf lill-intimat mis-sena 1997 u bejn is-sena 1997-1999 kien il-haddiema socjali inkarigat minnu f'St Patricks. Illi madwar seba' snin ilu hu gie mgharref tramite kollega, illi l-intimat kien ghaddej minn zmien difficli minhabba r-relazzjoni ma' bintu. Illi hu kien ghamel kuntatt mal-intimat u beda jarah kull meta seta' u kien anke inbeda process sabiex isir kuntatt mal-omm sabiex jaraw x'seta' jsir ghar-rigward access. Dak iz-zmien il-minuri kellha madwar sentejn.

Jispjega illi l-ewwel kuntatt li huwa kellu mal-attrici kien madwar sentejn jew tliet snin wara li beda jara lill-intimatu kien hemm xi *social worker*, certu Christina White involuta da parti tal-Appogg. L-ewwel darba li iltaqa mal-attrici kien f'Dicembru fil-presenza tal-avukat tal-attrici. Dak iz-zmien l-intimat kien rega' beda jahdem u beda jhallas il-manteniment. Jixhed illi r-relazzjoni tal-partijiet kien wahda tempestuza ghall-ahhar. Jishaq illi kien hemm frustrazzjoni da parti tal-intimat ghaliex ma kienx qieghed jara lill-minuri u minn naha tal-omm, ma kienx hemm fiducja f'l-intimat. Izid illi l-access ma kienx wiehed regolari u kien hemm perjodu fejn ix-xhud ha l-irwol ta' *parent coach* mal-intimat. Hu kien heggeg lill-intimat biex jibda jahdem u jikkontribwixxi u dan beda jaghmlu. Illi minn hemm l-attrici intebhet illi hemm bazi fejn hija setghet tafda lill-intimat u filfatt bdew jiddiskutu anke ai fini ta' kuntratt.

Ix-xhud jirrakonta illi kien hemm kwistjonijiet minhabba l-*partners* tal-attrici, fejn kien ssuggerixxa lill-attrici sabiex qabel ikun hemm certu stabbilita, din il-persuna m'ghandiex tigi

introdotta lill-minuri. Illi l-intimat gej minn *background* difficli u meta mar l-Awstralia ghamel hafna "*soul searching"*. Ix-xhud jispjega ili kien hemm *partners* li l-intimat ma kellux pjacir bihom ghaliex hu kien jaf illi kienu jaghmlu abbuz minn sustanzi illeciti. Illi l-intimat kien ukoll ghadu bil-hsieb li hu flimkien mal-attrici u l-minuri ghandhom jergghu jkunu familja. Illi da parti tieghu l-intimat kien jahseb illi hemm komplot li l-omm trid taqghtu mill-hajja tal-minuri. Illi ghalkemm maz-zmien dawn il-hsibijiet bdew jonqsu. Illi l-ikbar zewg preokkupazzjonijiet tal-intimat fir-rigward tal-omm kienu: li l-attrici kienet thalli lill-minuri hafna hin man-nanna u li l-attrici kienet tfallilha hafna skola.

Xuereb jirileva illi kien hemm zewg okkazjonijiet fejn huwa kien cempel lill-attrici ghaliex l-intimat kien irrabjat. Xuereb isostni li kien ghamel tliet rapport, ghaliex l-intimat kien qed isemmi s-suwicidju. Illi kien hemm Surgent li kien kellem lill-intimat u qalli li l-affarijiet ghandhom jitmexxew bil-Qorti, izda l-intimat kien wiegbu li huwa xeba' l-Qorti. F'din l-okkazjoni l-intimat kien irrabjat ghaliex ma kienx qieghed jara lill-minuri. Illi l-Pulizija spiccat harket lill-intimat. Illi dan il-perjodu kien fit-2018 wara li kien gie lura Malta. Jixhed illi l-intimat kien ihoss li kien hemm *"pattern*" ghal dak li jirrigwarda access, fejn f'kull stadju u minghajr raguni, l-attrici kienet taqbad u twaqqaf l-access. Meta x-xhud kien kellem lill-attrici hi kienet spjegatlu li t-tifla ma kienitx tkun trid tara lil missierha, ghaliex kienet irrabjata. Illi meta imbaghad qabad u gie lura Malta, ix-xhud kien diga' gharrfu illi kien ikun iktar ghaqli li kieku qabel telaq huwa kien jaghtiha data tar-ritorn tieghu lill-minuri. Illi t-tifla kienet anke ttiehdet ghand drama therapist pero l-attrici hasset li kien hemm *conflict of interest* peress li dan it-*therapist* kien jaf lil l-intimat minn St Patricks. Illi minn hemmhekk, il-minuri ma baqghetx tara lill-intimat. Ix-xhud jikkonferma illi hu kuntatt mal-minuri ma kellux. Illi jispjega ukoll illi kien hemm punt fejn l-attrici qatatghu ' l barra ghaliex kien qieghed jiffavurixxi lill-intimat.

Fir-rigward tal-irwol tal-intimat bhala missier, ix-xhud jishaq illi fl-intimat kienet tinbet rabja kbira meta huwa kien jigi mcahhad jew ikun hemm xi hadd li jzommu milli jezercita l-access ghall-bintu. Illi omm l-attrici kienet wahda mill-kawzi ta'din ir-rabja, tant li l-intimat kien sahaq max-xhud illi huwa jinsab imkisser, u li jew ser jitlaq bil-kwiet jew ser johrog ir-rabja tieghu fuqhom. Ix-xhud jikkonferma illi wara li gie mil-Awstralja, l-intimat kien segwiet minn diversi professjonisti fosthom, Anna Cassar, *clinical psychologist*, Alexia, il-haddiema socjali, u Dr Joe Cassar, psikjatra peress li l-intimat ghandu l-ADHD. Illi f'dan iz-zmien u cioe wara r-ritorn tal-intimat mill-Awstralja, l-attrici kien qasmet il-preokkupazzjonijiet taghha max-xhud illi wara l-access il-minuri kienet qieghda tkun agitata hafna u li l-attrici ma kienitx tiehu pjacir bil-presenza ta' oht u omm l-intimat waqt l-access.

***Riprodott nhar is-26 ta' Frar 2020, Julian Xuereb*** jikkonferma illi l-attrici kellha inkwiet dwar l-ambjent tad-dar fejn jghix l-intimat, u li milli jidher l-informazzjoni li kienet twassal il-minuri lill-genituri, kienet tkun informazzjoni varjata skond dak li l-minuri hasbet li jkunu jridu jismghu l-genituri. Din hija xi haga komuni f'sitwazzjonijiet bhal dawn. Ix-xhud jishaq illi huwa kien jghid lill-partijiet sabiex jikkonfermaw ma' xulxin u biex ma jaslu ghall-ebda konkluzjoni fuq dak li tghid it-tifla. Infatti gara li meta l-attrici kienet qieghda tohrog ma' certu Francesco, u l-minuri kienet staqsiet lil missierha jekk lil dan Francesco tistax tghidlu papa' jew step father. Ma' ommha, il-minuri kienet tghidilha illi l-intimat ma kienx ta tiekol, u l-attrici ma kienitx ticcekja dan mal-intimat. Ix-xhud jishaq illi ghalkemm qatt ma kien hemm xejn fiziku, fil-presenza tieghu kien jinghad certu kliem u kemm il-darba ghollew lehinhom. Ix-xhud jishaq illi t-tifla hija kollox ghall-intimat, u li l-intimat ghamel bidla fil-hajja tieghu tul it-tqala, u hi r-raguni tal-ghixien tieghu. Idealment, din l-emozjoni tkun reciprokata b'imhabba, izda l-intimat m'ghandux dan. Fir-rigward tal-email datat 25 ta' Gunju 2016, ix-xhud jispjega illi din l-email intbaghtet mill-attrici f'perjodu fejn l-intimat kien qieghed jahdem bhala taxi driver, u kien jahdem hafna sieghat, erbatax (14) – il siegha xoghol. Ix-xhud kien rinfaccjah b'din is-sitwazzjoni, u l-intimat kien ammetta mieghu illi kien hemm mumenti fejn kien qieghed ihossu imdamdam u ghajjien, izda ma kienx jinforma lill-attrici b'dan. Izid illi kien hemm imbaghad episodju fejn l-attrici qaltlu li l-minuri qieghda tara film fuq hogor dan Francesco, fid-dar ta' dan l-istess Francesco u l-intimat inkorla. Jispjega ukoll illi l-intimat isibha difficli jafda lid-dinja ta' madwaru, u lill-attrici ma jafdahiex. Dan ovjament qieghed jaffettwa l-mod u l-kapacita' taghhom li jikkomunikaw.

Rigward ir-relazzjoni tal-attrici ma' dan Francesco, ix-xhud jirrakonta illi huwa kien qalilha li huwa importanti li tfittex relazzjoni stabbli, u li ma kellhiex thalli lill-intimat jzommha lura jew li jikkontrolha l-futur taghha, ghaliex l-attrici kellha din il-biza' illi l-intimat kien ser ikisser kull relazzjoni li ghandha, u kien propju minhabba din il-biza li hija ma kienitx tghidlu certu affarijiet. Ix-xhud jikkonferma illi qabel l-intimat telaq lejn l-Awtstralja kien sar meeting bejn il-partijiet, u li d-decisjoni tal-intimat, kienet iddestabilizzat lill-attrici u ma stennitx illi l-intimat se jitlaq. Huwa kien insista illi jsir pjan ta' kif ser tibqa' ssir komunikazzjoni. Illi l-fatt li hu qatt ma ta data ta' ritorn, specjalment peress li t-tifla kellha l-birthday u anke l-precett fiz-zmien li huwa kien pjanat li jibqa' l-Awstralja. Dan kellu riperkussjonijiet fuq il-minuri. L-attrici baqghet tishaq illi l-minuri ma riditx tkellmu fuq l-Ipad. Wara li gie mill-Awstralja, l-attrici riedet illi l-access mal-missier ikun wiehed kontrollat, u dan minkejja li d-*drama therapist* kien qal li l-acess ghandu jkun wiehed immedjat ghaliex it-tifla xtaqet access. Ix-xhud jishaq illi sa fejn jiftakar, l-attrici kienet offriet resistenza u riedet tmur ghand *therapist* iehor u filfatt wara r-ritorn tal-intimat, l-access

kien ftit hafna li spicca fix-xejn u dana ghaliex kienu qeghdin jistennew li l-minuri tmur ghand *psychologist* iehor. Illi kien wara dan kollox li huwa ghamel ir-rapport mal-Pulizija. B'referenza ghall-email datat 14 ta' Frar 2017 (dok RM 5) ix-xhud jikkonferma illi l-ewwel bicca tal-email tirrigwarda l-fatt kif l-*approach* huwa *child centred* meta huwa talab lill-attrici tiehu pacenzja bil-missier, ghaliex il-missier jista' jaghti kontribut, u li it-tnejn ghandhom joholqu relazzjoni posittiva. Kien hemm mumenti fejn kienet qieghda tichad il-patenrita tat-tifla tant li l-intimat kellu anke jaghmel DNA test. Dan iz-zmien l-intimat kien spicca jghix ghand ommu ghaliex kien tilef il-residenza tieghu. F'dan iz-zmien jidher illi l-attrici xtaqet li jkun hemm iktar access.

***Theresa Borg in rappreżentanza tal-Courts and SAVs, haddiema socjali, xehdet nhar is- 26 ottubru 2020 (vide fol 169 et seq)*** u spjegat illi hi ilha ssewgi dan il-kaz minn Dicembru tas-sena 2019, u cioe ftit wara li kien beda. Tishaq illi da parti taghhom huma dejjem raw illi l-missier wera nteress fil-minuri, u generalment dejjem qieghed l-interessi tal-minuri qabel tieghu. Meta jkun hemm piki bejn il-partijiet, ix-xhud tishaq illi wara li titkellem mieghu, l-intimat dejjem fehem u accetta, anke meta inhareg digriet li kien hu li kellu jmur Hal Balzan. Izzid illi huma hadu anke *feedback* mill-psikologa Carmen Sammut li kienet qed taghti t-terapija lill-minuri u t-tifla tidher migbuda hafna lejn missierha. Tixhed illi l-intimat dejjem wera interess fl-edukazzjoni tal-minuri u jinkedd meta ihoss illi certu affarijiet setghu saru ahjar.

Ix-xhud tirrakonta illi l-minuri qieghda tesplora certu hsibijiet fir-rigward tal-generu u s-sesswalita' taghha, u l-omm xtaqet illi l-minuri ma tibqax tattendi skola tal-knisja u li tigi mitkellma minn certu Colette Bonnet. Illi x-xhud u kif ukoll il-missier kienu tal-hsieb illi l-minuri tibqa' titkellem mal-psikologa taghha sabiex dawn il-hsibijiet jigu aktar esplorati. Fir-rigward l-access, ix-xhud tindika illi hareg b'mod car hafna illi kienet l-attrici li kienet thoss il-bzonn li l-access ikun wiehed supervizjonat u dan mhux biex tipprotegi lit-tifla. Fil-passat kien hemm xi theddid da parti tal-inimat fil-konfront taghha u ghalhekk l-attrici xtaqet tkun aktar sigura waqt il-*handover* tal-minuri. Ix-xhud xehdet li qatt ma hassew il-htiega li jikkoreggu lill-intimat, anzi l-atteggjament u l-imgieba tieghu dejjem kienu pozittivi tant li f'Lulju kien hemm talba da parti tal-attrici u dana fuq rikjesta tal-minuri, li jizdied l-access. Illi pero' l-missier kien kawt ghaliex din kienet it-tielet darba li l-attrici harget b'din il-proposta li wara ftit zmien kienet tisfa' fix-xejn. Illi filfatt kien hemm suggeriment li l-*handover* isir fl-akwati ta' xi ghassa ta' Pulizija biex l-attrici thossha aktar sigura. Illi meta kienu waslu biex jibdew dana l-arrangament il-gdid, l-attrici kienet baghtet email b'sensiela ta' frazijiet inkwetanti li allegatament intqalu mill-intimat fil-McDonalds waqt li l-SAV supervisor marret iggib l-ikel. Illi l-supervisor innegat dan kollu u wara iktar indagni u anke wara meeting mat-tifla, irrizulta illi dak li qalet il-minuri kien gara fil-passat u

mhux waqt l-SAV.

Wara dan l-incident, il-minuri inghalqet fiha innifisha anke kien hemm il-pandemija, u l-arrangament li sar ghall-access virtwali ma bediex jahdem, u dana stante li hafna drabi l-ismart watch tal-minur kien ikun minghajr charge, l-intimat kien jipprova jcempilha u ma jaqbadhiex. Illi eventwalment qalbu ghal Skype pero t-tifla kienet qieghda tkun reticenti u kemmxejn difficli u toqghod silenzjuza. Meta regghu bdew l-Savs, l-affarijiet marru ghall-ahjar. Illi pero' wara ftit il-minuri bdiet tkun bierda hafna mal-missier. L-omm bdiet tinsisti illi l-minuri qieghda tiftakar affarijiet mill-passat, illi pero' dawna l-affarijiet qatt ma' hargu mal-psikologa u meta ix-xhud tkellmet mal-minuri qisu l-minuri ma setghatx titkellem. Illi wara xi zewg sessjonijiet fejn il-minuri rrifjutat li tkellem lill-missierha, il-missier ma felahx jara lill-minuri aktar hekk, u minkejja li hu jhoss li kienet qieghda ssir ingustizzja lejh, hu hass li kienet qieghda ssir hsara fuq il-minuri li tigi hemmhekk, u halliha fil-liberta' u ddecieda li jwaqqaf l-SAV u dana minkejja li dan kollu kien kontra qalbu ghaliex hu xtaq hafna li jara lill-minuri. L-attrici baqghet isostni maghhom illi l-minuri bdiet tiftakar f'dawn l-affarijiet tal-passat izda qatt ma gie specifikat xejn maghhom, ghaliex meta tkellmet mat-tifla, it-tifla kienet vaga hafna u kienet tghidilhom illi mhiex komda titkellem. Illi wara dan kollu l-attrici kienet cemplet lix-xhud sabiex titlob il-permess tal-missier sabiex il-minuri tittiehed ghand Colette, fejn il-missier ghalkemm ma kienx kontra lil-minuri tinghata l-ghajnuna, pprefera illi l-minuri tigi mitkelma minn persuna newtrali biex imbaghad jimxu minn hemm ghaliex hass li kienu qieghdin jghagglu.

In ***kontro-ezami*** ix-xhud tikkonferma illi l-minuri qatt ma specifikament x'kienu dawn ir-rikordji mill-passat u l-unika haga li nbidlet kienet il-kwistjoni tal-generu tal-minuri, fejn il-partijiet ma qablux kif din ghandha tigi indirizzata. L-omm baqghet tinsisti illi din il-kwistjoni kellha tigi indirizzata b'mod specifiku u ma haditx is-suggerimenti li inghataw mix-xhud u baqghet tinsisti fuq Colette. Illi dawn il-hsibijiet tal-minuri qatt ma tlissnu. Ix-xhud tishaq illi huma ma qablux mal-omm in kwantu kif kellhom jigu indirizzati dawn il-hsibijiet tal-minuri. Illi l-omm baqghet tishaq illi ghandha tohorg lill-minuri mill-iskola tal-knisja, ghaliex peress li hija skola tal-knisja ghax il-problemi tat-tifla ma kienux ser jigu ventilati.

In ***ri-ezami*** ix-xhud tishaq illi l-minuri meta kienet qieghda ssemmi dawn il-memorji mill-passat qatt ma taghthom lok li jkellmuha fuqhom, ghaliex kienet tibqa' kwieta, it-tifla kienet tidher f'konflitt emozzjonali ilghaliex il-minuri la riedet taghti dispjacir lill-missier wisq anqas lill-omm.

***L-attrici xehdet permezz ta' affidavit, vide*** fol 185 et seq u spjegat illi qabel bdew ir-relazzjoni taghhom, hi u l-intimat kienu hbieb ghal madwar sena. Illi tul din il-hbiberija, huwa kien ta' sapport ghaliha. Illi dan kollu inbidel hekk kif bdiet ir-relazzjoni taghhom, fejn l-intimat sar possessiv, kien jippretendi li jkun jaf fejn qieghda l-attrici il-hin kollu, u kien hemm anke episodji fejn kien fizikament vjolenti maghha. Illi fiflatt ir-relazzjoni taghhom intemmet wara circa erba' jew hames xhur. Illi wara t-tmiem tar-relazzjoni taghhom, l-attrici saret taf illi hija tqila. Illi kien missier l-attrici li informa lill-intimat b'dan. Illi tul it-tqala l-attrici kienet tircievi diversi telefonati minghand omm l-intimat, qassis mill-Millenium |Chapel, Cristina White, Julian u l-intimat. Illi dan kollu wassalha sabiex taqa' f-dipressjoni u kienet anke mahkuma minn ansjeta severa. Lejn l-ahhar tat-tqala, kienet tistieden lill-intimat sabiex jara l-ultrasounds u kienet anke turih xi hwejjeg li kienet tixtri ghat-tarbija. Hu kien ghamilha cara illi jixtieq li jergghu jirrikonciljaw u flimkien irabbu lit-tarbija. Hi kienet ghamlitha cara li dan mhux ser ikun il-kaz.

Illi l-minuri LMB, twieldet fil-25 ta' Jannar 2010. Wara xi tliet (3) xhur, l-intimat kien jigi jara lill-minuri id-dar taghha jew f'post pubbliku. Illi dana l-access kien ikun ezercitat fil-presenza taghha jew ta' ommha u dana sakemm il-minuri kellha sentejn. Illi l-interess tal-intimat kien ikun iktar iffukat fuq l-attrici milli fuq il-minuri. Illi hekk kif bdiet tikber il-minuri, l-intimat kien ikollu access wahdu ghal xi ftit sieghat darba jew darbtejn fil-gimgha. Illi darba minnhom kellhom argument fuq it-telefon waqt l-access u kien qalilha illi ma kienx ser jirritorna lill-minuri. Illi l-attrici kienet maret l-ghassa izda peress li l-kura u l-kustodja kienet wahda kongunta, huma ma setghu jaghmlu xejn, izda kienu cemplulu u l-intimat kien irritorna lill-minuri.

Illi matul is-snin, l-intimat qatt ma stinka sabiex jibni relazzjoni mal-minuri u spiss kien jirritorna lill-minuri qabel il-hin miftiehem ghaliex il-minuri ma kienitx tobdih jew ghaliex kien jiehu ghalih meta kienet tghidlu li trid l-ommha. Ghalkemm kien jezigi li jkun prezenti anke meta kienet tixtrilha l-hwejjeg, qatt ma qasam maghha r-responsabbiltajiet tat-trobbija tal-minuri. L-intimat kien ihossu mhedded minn kwalsiasi figura maskili fil-hajja tal-minuri. Illi ta' spiss kien jghidilha illi huwa jaf fejn u ma' min kienet u minhabba dan, kienet thossha bezghana u kontrollata minnu. Illi eventwalment meta l-minuri kellha erba' (4) snin, il-minuri beda jkollha sleepovers ghand l-intimat fil-weekend. Illi f'punt minnhom il-minuri kienet qaltilha illi missiera kien ikun minghajr hwejjeg fil-prezenza taghha u filfatt kienu infethu investigazzjonijiet mill-vice Squad. Illi l-intimat dejjem cahad dan kollu u kien jinsisti illi kienet omm l-attrici li kienet timla' mohh il-minuri. Illi l-investigazzjonijiet kienet giet konkluza u l-access rega' beda minghajr supervizjoni. Illi l-intimat qatt ma ried ihallas manteniment ghall-minuri, u filfatt kienu qablu illi jinfetah kont bankarju fejn kienu jigu depozitati EUR 100 u dana l-ammont kellu jintuza ghall-bzonnijiet tal-

minuri. Filwaqt li spejjes extraordinarji kellhom jigu approvati mit-tnejn. Illi fid- 9 ta'Novembru 2015, il-partijiet iffirmaw kuntratt. Illi wara li ffirmaw il-kuntratt l-attrici kienet qablet li tattendi sezzjonijiet ta' *co parenting* flimkien mal-intimat, liema sezzjonijiet kellhom isiru minn Julian. Illi minn dawn is-sessjonijiet Julian kien jghidilha illi l-intimat ghandu hafna problemi u dan a kawza ta' problem fi tfulitu. Illi l-argumenti bejnithom kienu jiehdu sopravent meta l-attrici kienet tohorg ma' xi hadd jew meta hija ma taqbilx ma' dak li jghid l-intimat.

Illi qabel ma l-intimat iddecieda li jitlaq lejn l-Awstralja l-affarijiet kienu trankwilli, kien qieghed jiehu lill-minuri ghall-access tliet (3) darbiet fil-gimgha u sleepover fil-weekend. Illi f'daqqa wahda ddecieda li jrid jitlaq mill-pajjiz. Illi hu kien qalilha illi huwa ha din id-decisjoni minhabba l-ostakli kollha li kienet holqot l-attrici. Illi sakemm kien imsiefer, hija pruvat izzomm kuntatt mieghu, pero kien ikun difficli ghaliha li tisforza lill-minuri li dak iz-zmien kellha sitt snin, tkellem lill-missierha fuq skype. Illi minkejja diversi tenattivi da parti taghha anke tramite Julian sabiex tghin lill-minuri, l-intimat tilef il-kontroll u nformaha li ser jaghmel suwicidju. Meta gie lura Malta, Julian kien jiehdu ghand psikjatra u kien qieghed isegwih mill-vicin Julian kien qalilha illi l-unika raguni ghalfejn huwa qieghed jghix kienet it-tifla. Illi minn naha l-ohra huma kienu qeghdin jippretendu li ttih access mall-minuri minkejja li ma kienx qieghed fi stat li jiehu hsieb tieghu innifsu.

Illi madanakollu, il-minuri xtaqet li tmur torqod ghand missierha, u l-attrici kienet accettat. Illi wara, l-attrici saret taf minghand il-minuri, li l-minuri raqdet f'kamra ma' minuri iehor u li dan imur kontra dak maqbul bejn il-partijiet. Illi meta gharfet dan kollu lill-intimat, huwa ghamel xenata shiha. Illi wara dana l-episodju l-intimat baqa' jkollu access mall-minuri izda minghajr *sleepovers* u dana minhabba li ma attwax l-arrangamenti necessarji sabiex il-minuri tkun tista torqod ghandu. Illi f'dana l-istadju l-minuri bdiet tghidilha illi ma riditx li tibqa' tmur ghall-access ma' missierha u li xtaqet tkellem lil xi hadd. Illi f' okazzjoni minnhom kien cempilha Julian fejn kien qalilha li l-intimat kien hedded lil-familja kollha taghha, u li jekk jarahom barra kien ser joqtolhom. Illi Julian kien ghamel rapport dwar dan mal-Pulizija u hemm proceduri kriminali pendenti.

Tispjega illi recentement hija indunat illi l-intimat qatt mhu ser jitlef cans biex jikontrollaha anke jekk dan imur kontra l-ahjar interess tal-minuri. Taghmel referenza ghall-hsibijiet li qieghed ikollha l-minuri dwar l-generu u s-sesswalita' taghha, fejn l-intimat irrifjuta li jaghti l-kunsens tieghu sabiex il-minuri tattendi ghal sessjonijiet ma' Certu Colette fi hdan ir-Rainbow Foundation.

Rigward manteniment, l-attrici tirrileva illi l-ahhar manteniment li vversa l-intimat kien f'Settembru tas-sena 2016 u ghalhekk hemm sensiela ta'arretrati li huma dovuti u dan apparti l-fatt li hija l-attrici li taghmel tajjeb ghall-ispejjes tal-minuri.

***Elaine Sigler xehdet nhar is- 6 ta' Mejju 2021 (vide fol 231A)*** u spjegat illi l-iskola tinsab inkwetata hafna fuq il-minuri, ghaliex qieghdin jaraw *regression* u ma jafux ezattament fi jistghu jghinu lill-minuri. Huma jixtieq li jghinuha u jipprovdu kull ghajnuna sabiex l-minuri tkun tista tkompli tmur l-iskola.

***Vanessa Muscat Frendo, PSCD teacher fi hdan Sacred Heart College, xehdet nhar is- 6 ta' Mejju 2021 (*vide fol 231C et seq)*** u spjegat illi l-minuri LMB hija wahda mill-istudenti taghha u kienet qieghda taraha ghall-guidance sessions tul l-ahhar sena skolastika. Tixhed illi l-minuri kienet qieghda tesprimi ansjeta u filfatt kienet giet riferuta ghandha mill-Assistant Head. Il-minuri kienet tispjegalhom illi qieghda ssib diffikulta' l-iskola u bix-xoghol tal-iskola u anke mal-hbieb. Mistoqsija jekk il-minuri kienitx ssemmi l-genituri taghha, ix-xhud tindika illi rarament isemmew izda huma kienu ghamlu kuntatt mal-genituri. Illi l-omm kienet semmiet illi l-minuri kienet tkun anzjuza biex tmur l-iskola u li anke kellha xi hsbijiet dwar il-generu taghha u li kienet sabet xi skambju ta' messaggi fejn l-minuri kienet semmiet *self-harm*. Illi x-xhud tishaq illi hi qatt ma rat evidenza ta' dan. Illi x-xhud kienet regghet tkelmet mal-minuri u mal-omm, wara li l-minuri kienet ilha nieqsa mill-iskola ghal madwar gimghatejn u nofs, fejn l-attrici spjegat lix-xhud li l-minuri kienet qieghda thossha li hi ghandha generu ta' tifel u mhux ta' tifla. L-omm kienet infurmatha li tkelmet ma' Dr Nigel Camilleri u kien irrefera lill-minuri ghand Ryan Portelli. Ix-xhud taf illi l-intimat ma kienx ta l-kunsens tieghu. Illi minhabba dan huma ma setghux jikkomunikaw ma' dan il-professjonist.

In ***kontro-ezami*** ix-xhud ikkonfermat illi hija qatt ma rat evidenza ta' *self harm* fuq il-minuri, u li dak kollu li hija taf kien mgharraf lilha mill-omm. Illi tikkonferma ukoll illi l-minuri qatt ma tkellmet maghha b'mod dirett fir-rigward *gender issues*.

***Anna Cassar, clinical psychologist, xehdet nhar id-29 ta' Settembru 2021, (vide fol 282A et seq)*** u spjegat illi lill-intimat ilha tafu minn meta kellu xi hmistax (15) – il sena. Illi hu kien riferut ghandha peress li dak iz-zmien kienet tahdem fic-*Child Guidance Clinic ta' St Luke's*. Dak iz-zmien kien qieghed go *home*. Illi l-intimat kellu trobbija difficli u ghalhekk hi kienet toffri sapport u tisma', iktar milli taghmel dijanjosi. Illi pero' imbaghad il-kuntatt intilef, u hi kienet telqet mis-sistema u bdiet il-prattika privata taghha. Illi gara illi bejn erba'/hames snin ilu, l-intimat rega' gie

riferut ghandha u cioe wara li gie lura Malta, u qieghda ssegwieh pro bono. Tispjega illi meta gie lura, l-intimat kien agitat hafna u r–realta ta' Malta kienet wahda differenti. Minn dak li irrakontalha Julian, l-Awstralja kien rabba l-gheruq, izda kien ghazel li jigi lura Malta minhabba t-tifla. Ix-xhud tirrileva illi dan l-ahhar kien hemm ukoll xi tobba mill-*health centre* ta' Bormla li kienu ukoll qieghdin isegwu lill-intimat. Tispjega illi prezentement m'hemmx dijanjosi izda fil-passat l-intimat kellu episodji ta' dipressjoni u kien hemm perjodu fejn gie evalwat ghal ADHD. Izzid illi sakemm kien ghaddej minn dan il-perjodu, id-depressjoni xekklet l-abbilita tal-intimat li jzomm ix-xoghol. Illi dan kien hareg b'mod partikolari wara li gie lura mill-Awstralja. Mistoqsija jekk din il-kundizzjoni kinitx taffetwa r-relazzjoni tal-intimat mal-minuri, ix-xhud tishaq illi hawn hafna genitur li jbatu minn *depressive disorders* u ma taffetwax il-*parental skills* taghhom. Tispjega ukoll illi fir-relazzjoni tieghu mal-attrici, l-intimat dejjem hassu zvantaggat u li kien hemm mumenti fejn kienu inkwetati peress li meta s-sitwazzjoni iddeterjorat hafna kien intqal certu diskors da parti tal-intimat. Dawn l-affarijiet qatt ma graw iktar u kienu bizat li esprima l-intimat, izda kellhom jigu rrapportati. Mistoqsija rigward medikazzjoni li giet preskritta lill-intimat, ix-xhud tirileva illi fil-passat kienet giet preskritta xi medicina relatat mal-ADHD li kienu *psychostimulants* izda fil-prezent mhix f'pozizjoni li tindika il-medikazzjoni o meno tal-intimat.

***Illi l-attrici prezentat affidavit ulterjuri (vide fol 286 et seq)*** u spjegat illi kemm ilu li l-minuri espremiet ix-xewqa taghha li ma jkollhiex access mal-missier, ma kien hemm l-ebda kuntatt bejn il-partijiet. Illi ghalkemm kultant zmien l-attrici tirrileva illi ssaqsi lill-minuri jekk hija biddltx fhemta, il-minuri ghandha tidher titubanti, u mhiex lesta li taghmel dan il-pass. Illi l-minuri giet dianjostikata b'ansjeta u ADHD u dawn l-ahhar sentejn kienu sentejn iebsin hafna ghal-minuri. Illi issa bl-ghajnuna tal-medicina u s-support tat-terapisti, hija rritornat lura l-iskola. Izzid illi l-intimat qatt ma ta kontribut finanzjarju u kien difflicli ghall-attrici li tlahhaq ma' dawn l-ispejjes specjalment tul dawn l-ahhar sentejn. Tispjega illi ghalhekk il-pis finanzjarju tat-trobbija tal-minuri waqa fuqha. Tishaq illi fl-eventwalita li l-intimat ikun irrid access versu l-minuri, hija ser taghmel mill-ahjar biex tkun ta'sapport ghall-minuri izda tali kuntatt ghandu jkun wiehed konsistenti b'tali mod li ma jinterompiex il-progress li ghamlet il-minuri s'issa. Illi zzid illi m'ghandu jkun hemm l-ebda kuntatt bejn l-attrici u l-intimat.

***L-attrici in kontro ezami nhar id- 9 ta' Gunju 2022 (vide fol 290 et seq)*** tikkonferma illi qabel harget tqila, kienet ilha taf lil intimat madwar sena u nofs u kienu ilhom johorgu flimkien ftit xhur biss qabel inqabdet tqila, u filfatt ma kienux jafu lil xulxin sew. Tikkonferma illi kellhom ideat differenti ta' kif kellha tigi gestita t-tqala. Taqbel illi meta l-minuri kienet zghira, l-intimat kien iqatta' hin maghha, u kellhom relazzjoni tajba. Tikkonferma illi l-intimat ghandu certu principji

li jrid li l-minuri tixmi maghhom u li meta l-minuri kienet izghar, hi kienet taccetta dak li kien jippretendi minnha izda iktar kemm kibret, kienet issibha aktar difficli u kien ikun hemm hafna battibekki bejnithom. L-attrici tindika illi ezempju ta' dan kien meta l-minuri riedet taqta' xagharha u l-intimat assolutament ma riediex. Illi ghalkemm kien dejjem jipprova jissaportja, kien hemm sitwazzjonijiet fejn l-idealizmu tieghu kien jiehu sopravent u ma kienx jisma' x-xewqat tal-minuri bil-konsegwenza li l-minuri kienet tirribella u tirrifjuta li tara lil missierha. Tikkonferma illi kien hemm zminijiet li l-minuri kienet tmur tajjeb hafna mal-intimat izda peress li l-minuri mhux dejjem kienet tghidilha kollox, l-attrici ma kienitx tkun taf ezattament xi jkun gara u kien ikollha biss il-verzjoni tal-missier u l-ftit li tkun qaltilha l-minuri.

L-attrici tispjega illi l-minuri ormai ghandha tnax (12)- il sena u nofs u madwar tlett snin ilu kienet tkelmet mal-attrici ommha, fejn esprimiet li hija ma tiddentifikax bhala tifla. Illi l-attrici kienet qaltilha illi ghadha zghira, pero setghu jaraw kif il-minuri setghet tesprimi ruhha b'mod differenti bhal per ezempju tipprova tilbes hwejjeg differenti. Meta kienet qalet b'dan lil missierha, l-intimat kien hadha bi kbira, kien qalilha li ghadha zghira u li din hija probbabli fazi li ser tohrog minnha. Il-minuri hasistha *"rejected"* pero' wara dan kollu xorta kien hemm tip ta' rikonciljazzjoni. Izzid illi l-minuri qieghda tmur ghand *educational psychologist* u qieghda tinghata terapija diversa u tattendi ghal-sessjonijiet. L-attrici tirrileva ukoll hija hi flimkien mal-*partner* taghha ser jibdew terapija sabiex ikunu jistghu jghinuha aktar, pero' li tmur l-iksola ghadha tohloq ansjeta kbira fil-minuri, illi pero il-psikologa taghthom parir illi skola ta' bniet biss taf ma tkunx l-ahjar ambjent ghall-minuri. L-attrici tinsisti illi l-minuri bhalissa ma tridx relazzjoni ma' missierha u li din il-fazi ilha mill-ahhar zmien li waqaf jaraha. Illi pero li c-*Child Protection Services* recentement qaltilhom li qieghda tikkunsidra li terga titkellem mal-missier u jkollha xi tip ta' relazzjoni. L-attrici tishaq illi da parti taghha peress li l-minuri tinsab fi stat vulnerabbli, jehtieg illi jkun hemm konsistenza da parti tal-intimat u iktar pacenzja u kalma minghajr ma jigu imposti certu ideali fuq il-minuri biex il-minuri tkompli taghmel progress. L-attrici tikkonferma illi meta l-minuri ghazlet li ma tiltaqax mal-missier, il-missier kien irrispetta d-decisjoni taghha u tikkonferma illi l-missier kien qal lit-tifla illi meta hija tkun trid, huwa lest li jerga jibda il-kuntatt.

***Eleonora Grech, haddiema socjali fi hdan id-Direttorat xehdet nhar id- 9 ta' Frar 2023 (vide fol 308)*** u spjegat illi l-ewwel rapport li kien ircieva d-Direttorat kien f' Lulju tas-sena 2021 fejn kien gie indikat illi l-minuri qieghda tesperjenza hsibijiet ta' suwicidju, *low mood* u li kien qieghed jaqala' xagharha ghaliex ma kienitx qieghda tiekol bizzejjed u anke kien gie indikat illi kien hemm *parental alienation* da parti tal-omm kontra l-missier. Illi l-minuri kienet segwita minn zewg professjonisti ohra, filwaqt li x-xhud giet allokata l-kaz f' Jannar tas-sena 2022. Tispjega illi hi

ghamlet vizti l-ufficju, d-dar, u l-iskola u tkelmet kemm mal-minuri u kif ukoll mal-partijiet. Illi kien hemm preokupazzjoni dwar in-nuqqas ta' attendenza tal-minuri l-iskola. Illi r-raguni wara n-nuqqas ta' attendenza kienet nuqqas ta' hegga u motivazzjoni ghaliex il-minuri ma kienitx thossha accettata minhabba li bdiet tiddentifikka mal-generu l-iehor fi skola ghall-bniet. Illi kien gie nnutat illi l-minuri kienet qieghda taghmel *self-harm* u l-minuri kellha ukoll pjan ta' suwicidju. Illi kien hemm ukoll kas miftuh mas-SIPs, fejn il-minuri inghatat psikjatra bla hlas, imma minhabba li ma attendietx ghall-appuntament, il-kas kien inghalaq. Illi x-xhud tispjega illi l-omm kienet mhegga sabiex tivverfika ma' professjonisti appoziti dwar medicinali izda qatt ma saru l-appuntamenti mehtiega. **Illi x-xhud tishaq illi kien hemm preokkupazzjoni da parti taghhom ghaliex tul l-ahhar sena, il-minuri nbidlulha tliet (3) terapisti b'dana illi ma kienx qed ikun hemm bizzejjed cans sabiex it-terapisti japprofondixxu il-kwistjonijiet li jikkoncernaw lill-minuri.** Ix-xhud tishaq illi l-omm kienet tispjegala illi l-minuri ma tridx tattendi ghas-sessjonijiet pero' meta x-xhud kienet titkellem mal-minuri, il-minuri kienet tghidlha li kient tiehu gost tattendi imma imbaghad s-sessions kienu jieqfu. Illi fil-prezent il-minuri ghandha *councellor* mill-iskola l-gdida li qieghda tattendi u bhala attendenza qieghda tghaddi regolarment. **Illi da parti tal-*councellor* kien hemm suggeriment sabiex il-minuri ttiehed ghand psikjatra ghar-*review* izda l-omm ma haditihiex.**

Fir-rigward l-access, ix-xhud tirrileva illi hi kienet tkelmet mal-minuri fuq dan, u l-minuri kienet spjegatilha illi hi ma kelliex idea cara tar-raguni ilghaliex l-access waqaf. Il-minuri irrakontat illi kien hemm xi episodji fejn il-missier kien qal xi haga li weggat lil-minuri fuq ohtha u anke minhabba l-fatt lil-missier ma ridx jaccetta li l-minuri riedet issir ragel. L-omm spjegatilha illi kien hemm zmien fejn l-missier kien jiehu lill-minuri, izda imbaghad il-missier kien siefer u kien hemm problemi bl-access *online*, u l-minuri kienet hassitha mwarrba. Il-missier filwaqt li kkonferma li kien hemm kuntratt bejn il-partijiet, spjega ukoll illi kien qabad u waqqaf l-SAVs minn naha tieghu ghaliex ma kienx qieghed ihossu komdu li jiltaqa' mal-minuri meta kien qed ikun hemm certu akkuzi kontrih da parti tal-omm, u kien qieghed ihoss illi kien qieghed jaghmel iktar deni mill-gid. **Illi mill-*feedback* li inghata mill-professjonisti li kienu jiehdu hsieb l-access, irrizulta illi ma kien hemm l-ebda thassib hazin fil-konfront tal-missier , kemm bhala *parenting style* u kif ukoll bhala hin ta' kif iqatta l-access**. Tishaq illi l-missier jixtieq li jerga jibda access u li ormai l-minuri u l-missier ilhom ma jiltaqghu xi sena u nofs.

Ix-xhud tishaq illi l-missier qalilha illi irrespettivament minn jekk l-access ikunx wiehed supervizjonat jew le, hass illi ser tkun difficli da parti tal-omm biex taccetta. Ix-xhud izzid illi meta hija tkelmet mal-minuri biex tara x'tixtieq li jsir *vis-à-vis* l-access, darba minnhom kienet

qaltilha illi hija kienet qieghda tikkonsidra li terga' tibda l-access, izda d-darba ta' wara ienet qaltila li ma tridx. Illi din kienet xi haga li kienet anke innutata mill-professjonisti li kienu involuti fil-passat, fejn kien hemm hsieb li l-minuri kienet qieghda tigi influwenzata mill-omm. Illi peress illi ma kienx gie nnutat progress ghal zmien twil, huma kienu kelmu lill-genituri separatament, u kien gie spjegat illi l-minuri ghandha bzonn psikjatra, u anke terapija. Illi l-omm kienet innegat li l-minuri mhux vera tinsab f'dana l-istat. Illi huma kienu spjegaw lill-omm illi jekk is-sitwazzjoni mhux sejra ghall-ahjar kienu qed jikkonsidraw li tohrog xi ordni minhabba s-sahha mentali tal-minuri. Illi wara din id-diskussjoni, l-omm kienet ghamlet l-appuntament li huma kienu talbuha li taghmel.

Ix-xhud tixhed illi ghalkemm huma ma setghux jaghmlu kuntatt mal-psikjatra, mill-informazzjoni li gabru minghand l-omm u l-iskola, gie nnutat progress fil-burdata tal-minuri. Illi pero' meta tkelmet mal-minuri ftit qabel din it-testimonjanza, filwaqt li qabel l-minuri kienet tkun iktar propensa li titkellem, din id-darba, il-konversazzjoni damet biss hames (5) minuti, b'dana illi l-minuri dehret li ma riditx taghti certu informazzjoni lix-xhud. Illi l-*councellor* kienet avzat lix-xhud illi l-minuri qaltilha li x-xhud u l-professjonist tad-direttorat kient tkelmu mal-omm illi jaf jinhareg xi tip ta' ordni. Illi meta talbet lill-minuri jekk trid li titkellem fuq din il-kwistjoni, il-minuri qaltila illi hi ma taf xejn ghaliex omma ma qaltilha xejn.

***Riprodotta nhar id- 19 ta' April 2023 in kontro ezami (vide fol 317), Eleonora Grech*** ikkonfermat illi z-zewg professjonisti li kienu qieghdin isegwu lill-minuri u rrapurtaw lid-dipartiment kienu il-professjonisti mill-iskola l-antika tal-minuri, certu Ms Pillow li kienet *councellor* u l-*assistant head*. Kien hemm ukoll rapport minghand Ms Alexia Baldacchino li kienet *social worker* minn naha tal YPU- Young Persons Unit fi hdan Mount Carmel. Ix-xhud taqbel illi n-nuqqas ta' attendenza tal-minuri, l-iskola tirsali ghas-sena skolastika Settembru 2021-2022, u cioe minn mindu hija hadet il-kaz f'idejha. Grech tispjega illi dwar din il-kwistjoni l-omm kienet qaltilhom illi l-minuri kienet qieghda tbati minn sahha mentali u ma kienx qieghed ikollha motivazzjoni biex tmur l-iskola, illi kien hemm drabi fejn ghalkemm l-omm kienet theggeg lill-minuri biex tiehu l-medicina preskritta, il-minuri ma kienitx taccetta li tohodhom. Illi din il-medicina kienet minhabba l-ADHD li kienet preskritta mill-psikjatra.

Ix-xhud tirrileva illi hija ma tafx bil-precise meta waqaf l-access tal-missier u dana minkejja li mill-informazzjoni li ghandha, jidher illi s-sahha mentali tal-minuri bdiet tidderterjora fis-sena 2019. Ix-xhud tispjega ukoll illi da parti taghha hija ma kkonfermat jekk effettivament il-hsibijiet rigward is-suwicidju u s-*self harm*, jirrisalux ghal-perjodu fejn l-minuri kienet ghadha qed tara

lill-missierha. Grech tikkonferma illi l-omm kienet qaltilha li kienet tiehu lill-minuri ghand Dr Nigel Camilleri u ssussegwentement issa qieghda tohodha ghand Dr Felice. Illi ma Dr Camilleri kien hemm appuntamenti fis-sena 2021, izda minn naha tad-Direttorat kienu inkwetati ghaliex ma kienux saru aktar appunatmenti ma Dr Camilleri. Mistoqsija jekk ix-xhud kienitx infurmata li kien il-missier li rrifjuta li l-minuri tattendi sessjonijiet ma Dr Nigel Camilleri, tindika illi hi ma kienitx infurmata li l-missier irrifjuta. Tindika illi da parti tieghu l-missier kien qalilha illi dak li ghandu bzonn isir fir-rigward ta' ghajnuna ghas-sahha mentali tal-minuri ha jsir, pero stqarr max-xhud illi hu jhoss illi hu m'ghandu l-ebda *"say"* fejn jidhlu affarijiet relatati mal-minuri. Izid illi l-omm qatt ma gharfitha illi kien hemm rifjut daparti tal-missier sabiex il-minuri tmur ghat-terapija, ghalkemm fir-rigward ta' terapija mal-gender clinic, dik kienet storja differenti.

Tikkjarfika illi t-tibdil fit-terapisti kienet fuq medda bejn is-sena 2021 u 2022 u mhux necessarjament fuq medda ta' sena kalendarja. Tikkonferma wkoll illi fir-rigward tas-sessjonijiet ma' Faith Borg Grech, giet infurmata l-minuri bdiet turi nuqqas ta' motivazzjoni biex tattendi ghas-sessjonijiet u li din kienet ir-raguni li taghtha Borg Grech ghat-twaqqif tas-sessjonijiet. Ix-xhud taqbel illi kienet decisjoni tal-missier li jitwaqqaf l-access tieghu u li omm kienet infurmata illi hemm xi kuntratt li jirregola dawn il-kwistjonijiet. Mistoqsija kif ix-xhud waslet ghal konluzjoni li l-minuri kienet qieghda tigi influwenzata mill-omm, tispjega illi meta tkelmet mal-professjonisti l-ohra li b'xi mod jew iehor kienu involuti f'dan il-kaz, il-professjonisti kollha kienu taht l-impressjoni u preokkupati illi l-omma ma kinixt qieghda tiehu lill-minuri ghall-appuntamenti mehtiega. Illi ukoll fil-passat kien gie nnutat illi meta l-haddiema socjali kienu jippruvaw jitkelmu mal-minuri biex jaraw ghalfejn ma xtaqitx li tibqa' tmur ghall-access mal-missier, kienu jinnutaw li l-minur ma kienitx komda titkellem dwar ir-raguni meta l-minuri kienet konxja li l-omm kienet qieghda barra l' kamra. Illi l-minuri ghamlet l-istess maghha recentement meta x-xhud staqsieta jekk trid li l-access jerga' jibda. Ix-xhud tispjega illi hi konxja tal-fatt li dan it-tibdil fil-hsibijiet tal-minuri jistghu jkunu kawza tal-ADHD, pero' huma fl-obbligu li jikkunsidraw kollox u jekk hemmx xi tip ta' influwenza li huma mhumiex jaraw.

Illi fil-prezent, huma jinsabu kuntenti fil-progress li sar. Tishaq illi l-omm qatt ma ghaddiet informazzjoni fir-rigward tal-fatt li l-minuri qieghda tigi segwita minn tabib tal-familja fir-rigward tal-piz taghha.

***Dr Ethel Felice xehdet nhar it-3 ta' Mejju 2023(vide fol 347 et seq)*** u spjegat illi l-ewwel darba li rat lill-minuri kien fit-22 ta' Dicembru tas-sena 2022, fejn il-minuri kien akkumpanjat minn ommu u dak iz-zmien kellu tlettax(13)- il sena. Dr Nigel Camilleri kien ra l-minuri qabilha. Illi l-

minuri gie diagnosed b'ADHD u kellu ukoll hafna stress u anzjeta. Dak iz-zmien il-minuri kien imur skola differenti u kienu pruvawlu trattament minhabba l-ADHD. Illi minhabba dawn il-medicinali il-minuri kellu hafna *side effects*. Ili kienu ukoll tawh trattament ghal ansjeta. Illi l-minuri kien qieghed isofri minn insomnia, ma kienx qed jiekol u lanqas ma kien qieghed jissocjalizza minhabba din l-ansjeta. Illi filfatt kienet tatu medicina apposta li kienu anti anxiety u anti depressants, kien mar tajjeb bihom. Illi l-istress kien marbut mal-kwistjoni tal-*gender identity* tieghu li milli jidher ma tantx kien tkellem fuqha. Ix-xhud tixhed illi fi Frar tas-sena 2023, kienet rat l-omm wahedha, u dana peress li kien hemm diversi akkuzi fil-konfront taghha, in kwanti li ma kienetx qieghda tiehu hsieb lil-minuri mentri l-omm kienet diga haditu ghand terapista. Illi l-ahhar li rat lill-minuri kien fit-18 ta' April 2023. Tispjega illi certu medicina kien qed ikollha *side effects* fuq il-minuri fosthom dardir, nuqqas ta' aptit. Illi f'dana l-istadju is-*self harm* u l-ansjeta kienu kontrollati. Illi mill-informazzjoni li inghatat lix-xhud, il-minuri kien qieghed jattendi ghat-terapija pero hija normali li tfal tal-eta tal-minuri ikun hemm drabi fejn ikunu jridu jmorru ghat-terapija u drabi li ma jkunux. Illi bl-ADHD il-burdati ikunu varjati, fejn ikun hemm disregulation, daqqa jkun anzjuza, daqqa ferhan u dawn il-burdata jinbidlu anke tul il-gurnata.

**Ikkonsidrat:**

Illi din hija sentenza wara rikors prezentat mill-attrici fejn qieghda titlob lil din il-Qorti tvarja l-kuntratt datat 9 ta' Novembru 2015, b'dana illi tafda l-kura u kustodja esklussiva tal-minuri LMB f'idejn l-attrici omm u tawtorizza lill-istess tiehu d-decisjonijiet kollha rigward s-sahha u l-edukazzjoni tal-istess minuri; tvarja l-access tal-intimat missier hekk kif stipulat fl-isemmi kuntratt datat 9 ta'Novembru 2015 u kif ukoll il-manteniment originarjament maqbul bejn il-partijiet, inkluz li tordna lill-intimat ihallas l-arretrati dovuti skond l-imsemmi kuntratt.

*Fir-rigward il-kura u l-kustodja tal-ulied*

Illi huwa ritenut fil-gurisprudenza taghna li f'sitwazzjonijiet bhal dawn ghandu jipprevali fuq kollox ***l-aqwa interess tal-minuri.*** [1] Fis-sentenza fl-ismijiet ***Maria Dolores sive Doris Scicluna vs Anthony Scicluna*** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-27 ta' Novembru 2003 intqal illi:

> *"**apparti l-ħsieb ta' ordni morali u dak ta' ordni legali, li għandhom setgħa fil-materja ta' kura u kustodja tat-tfal in ġenerali, il-prinċipju dominanti 'in subjecta***

[1] Enfazi tal-Qorti.

> ***materia', li jiddetermina normalment u ġeneralment il-kwistjonijiet bħal din insorta f'dina l-kawża, huwa dak tal-aktar utilita' u dak tal-aqwa vantaġġ u nteress tal-istess minuri fl- isfond taċ-ċirkostanzi personali u 'de facto' li jkunu jirriżultaw mill-provi tal-każ li jrid jiġi riżolut..."***

Illi l-Qorti ghaldaqstant ghandha s-setgha illi jekk ikun fl-ahjar interess tal-minuri, tafda wiehed biss mill-genituri bil-kura u l-kustodja tal-minuri u dana ai termini tal-Artiklu 56 tal-Kodici Civili.[2] Illi kif kellha l-okkazjoni ttenni din il-Qorti diversi drabi, l-interess tal-minuri huwa iprem mid-drittijiet tal-genituri. Illi fid-decisjoni ta' din il-Qorti diversament presedita fis-sentenza fl-ismijiet: ***Frances Farrugia vs. Duncan Caruana***, deċiża fil-31 ta' Mejju 2017:[3]

> ***Il-Qorti tirrileva illi filwaqt li dejjem taghti piz ghad-dritijiet tal-genituri, l-interess supreme li zzomm quddiemha huwa dejjem dak tal-minuri kif anke mghallma mill-gurisprudenza kostanti taghna hawn 'il fuq iccitata.***

In tema legali ssir referenza ghall-kawza fl-ismijiet: ***Cedric Caruana vs Nicolette Mifsud***[4] fejn il-Qorti enfasizzat li fejn jidhlu l-minuri:

> ***'huwa ta' applikazzjoni assoluta l-Artiklu 149 tal-Kap 16 li jaghti poter lill-Qorti taghti kwalsiasi ordni fl-interess suprem tal-minuri. Fil-fehma tal-Qorti, l-Artiklu 149 tal-Kap 16 jaghmilha cara illi fejn jikkoncerna l-interess suprem tal-minuri, idejn il-Qorti m'hiex imxekla b'regoli stretti ta' procedura… fejn jidhlu d-drittijiet u l-interess suprem tal-minuri il-Qrati taghna ghandhom diskrezzjoni wiesgha hafna…. Addirittura l-Qorti tal-Familja ghandha s-setgha li tiehu kull provvediment fl-ahjar interess tal-minuri.'***[5]

Fi kliem il-Qorti tal-Appell fis-sentenza fl-ismijiet: ***L Darmanin vs Annalise Cassar***:[6]

> *"…….meta tigi biex tiddeciedi dwar kura u kustodja ta' minuru, il-Qorti ma ghandhiex* ***tkun iddettata u kondizzjonata mil-meriti u dimeriti tal-partijiet 'ut sic' izda biss x'inhu l-ahhjar interess tal-minuri".***[7]

---

[2] Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.
[3] Vide Rikors Ġuramentat 268/11AL.
[4] Deciza mill-Qorti tal-Appell nhar l- 4/3/2014.
[5] Vide A sive BC vs D sive EC deciza 30/6/2015 u Joseph Micallef vs Lesya Micallef deciza 14/12/2018.
[6] Deciza mill-Qorti talAppell fil-31 ta' Ottubru 2014.
[7] Enfazi tal-Qorti.

Din il-Qorti taghmel referenza ghall-pronunzjament tal-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) fid-decizjoni tagħha tal-25 ta' Novembru 1998 fl-ismijiet: ***Sylvia Melfi vs. Philip Vassallo*** irriteniet li:

> ***In this case the Court must seek to do what is in the sole interest of the minor child in its decision whether the care and custody of the child should be given to one parent or the other the Court must solely be guided by what is most beneficial to the child [...] The Court should at all times seek the best interests of the child irrespective of the allegation, true or false, made against each other by the parties. Such allegations often serve to distance oneself from the truth and serve to render almost impossible the search of the Court for the truth. This is why it is the duty of the court to always look for the interests of the child. Exaggerated controversies between the parties often make one wonder how much the parents have at heart the interest of their children. Sometimes parents are only interested at getting at each other and all they want is to pay back the other party through their minor child.***

Illi gie ritenut ukoll illi meta *si tratta* ta' drittijiet tal-minuri vis-à-vis d-drittijiet tal-genituri l-Qorti hija fid-dover li tqis dejjem dak li hu fl-ahjar interess tal-minuri u dan peress li fil-maggor parti tal-kazijiet li jitressqu ghad-decizzjonijiet tal-Qorti tal-Familja, kull decizzjoni immankabilment thalli effett duratur fuq il-hajja tal-minuri u fuq il-hajja ta' dawk ta' madwar il-minuri.

Illi din il-Qorti taghmel taghha b'mod partikolari l-insenjament tal-Qorti tal-Appell fil-kawza fl-ismijiet: ***Miriam Cauchi vs Francis Cauchi*** deciza fit-3 ta' Ottubru 2008 fejn gie korrettement osservat illi:

> ***"Din il-Qorti tibda biex taghmilha cara li, fejn jidhlu minuri, m'hemmx dritt ghall-access, izda obbligu tal-genituri li t-tnejn jikkontribwixxu ghall-izvilupp tal-minuri li,ghal dan il-ghan, jehtigilha jkollha kuntatt ma' ommha u anke ma' missierha. Kwindi lil min jigi fdat bil-kura tal-minuri u kif jigi provdut l-access jiddependi mill-htigijiet tat-tifla u mhux mill-interess tal-genituri.[8] Huma l-genituri li jridu jakkomodaw lit-tfal, u mhux viceversa. L-importanti hu l-istabilita' emozzjonali tat-tifla, u li din jkollha kuntatt mal-genituri taghha bl-anqas disturb possibbli."***

[8] Enfazi tal-Qorti.

*Fir-rigward il-manteniment ghall-ulied*

Il-principju legali tal-manteniment tal-ulied huwa msejjes fuq l-artikolu 7(1) tal-Kodiċi Ċivili li jipprovdi:

> ***"Il-genituri ghandhom l-obbligu li jiehdu hsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lil uliedhom bil-mod stabbilit fl-artikolu 3B ta' dan il-Kodici."***

Kif jirrizulta mid-dispozizzjonijiet tal-Ligi, il-genituri ghandhom l-istess obbligu versu l-ulied tagħhom, u b'hekk iz-zewg genituri ghandhom jikkontribwixxu ghat-trobbija tal-ulied. L-obbligu taz-zewg genituri lejn l-ulied huwa kull wiehed skond il-mezzi tieghu, ikkalkulati skont il-bżonnijiet tal-artikolu 20 tal-Kodici Civili.

L-artikolu 20 tal-Kodiċi Ċivili jipprovdi illi:

> ***(1) Il-manteniment għandu jingħata skont il-bżonn ta' min jitolbu u l-meżżi ta' min għandu jagħtih.***
>
> ***(2) Fl-istħarriġa sabiex jinsab jekk min jitlob il-manteniment jistax jaqalgħu xort' oħra, għandu jittieħed qies ukoll tal-ħila tiegħu fl- eżerċizzju ta' xi professjoni, arti jew sengħa.***
>
> ***(3) Meta jitqiesu l-meżżi ta' min hu obbligat għall-manteniment, għandu jingħad biss il-qliegħ tiegħu mix-xogħol tal-professjoni, arti jew sengħa, is-salarju jew il-pensjoni tiegħu mogħtija mill-Gvern jew minn ħaddiehor, u tal-utli tal-beni, sew mobbli u kemm immobbli u kull dħul li jinħoloq taħt trust.***
>
> ***(4) Ma jitqiesx li għandu meżżi biżżejjed biex jagħti l-manteniment min ma jistax jagħtih ħlief billi jilqa' f'daru l-persuna li titlob dak il- manteniment, jekk din il-persuna ma tkunx axxendent jew dixxendent.***
>
> ***(5) Meta jitqiesu l-meżżi ta' min jitlob il-manteniment, għandu jittieħed qies ukoll ta' kemm jiswew il-beni tieghu mobbli jew immobbli kif ukoll ta' kul interess beneficcju taht trust.***

Kif ritenut fil-gurisprudenza:

> ***...........Il-Qorti dejjem irriteniet illi l-ġenituri ma jistgħux jabdikaw mir-responsabilita` tagħhom li jmantnu lil uliedhom materjalment, hu kemm hu l-introjtu tagħhom. Dejjem kienet tal-fehma illi kull ġenitur għandu l-obbligu li jmantni lil uliedu anke jekk il-meżżi tiegħu huma baxxi jew jinsab diżokkupat. Il-Qorti ma tista qatt taċċetta li persuna ġġib it-tfal fid-dinja u titlaq kull responsabbilta` tagħhom fuq il-ġenitur l-iehor jew inkella fuq l-istat." (Ara Tiziana Caruana vs Redent Muscat (272/2018) deċiża mill-Prim' Awla Qorti***
>
> ***Ċivili fl-24 ta' Ġunju 2019; Liza Spiteri vs Luke Farrugia (219/2018) deċiża mill-Prim' Awla Qorti Ċivili fit-2 ta' Ottubru 2019).***

Fil-każ Portelli Jennifer pro et noe vs Portelli John (Rik. Nru. 2668/1996) deciz mill-Prim' Awla Qorti Ċivili fit-2 ta' Ottubru 2003, inghad hekk:

> ***".......l-obbligu taż-żewg ġenituri lejn l-ulied jibqa' bażikament l-istess dettat kull wieħed skont il-meżżi tiegħu, ikkalkulati skont id- dispozizzjonijiet tal-Artikolu 20 tal-istess Kap u l-bżonnijiet tal-minuri, u fl-interess tal-istess minuri."***

Relevanti wkoll huwa dak li ingħad fis-sentenza fl-ismijiet ***Marina Galea vs Mario Galea*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-31 ta' Jannar 2019:

> ***"Il-manteniment tat-tfal, fil-verita` izjed milli dritt tal-ġenitur li qed irabbihom, huwa dritt tat-tfal minuri li ma jisfawx mċaħħdin minn dawk l-affarijiet li d- dinja tal-lum tikkunsidra bħala neċessita` għall-edukazzjoni u għall-iżvilupp tagħhom."***

*Fir-rigward access:*

Fir-rigward tal-access mal-minuri, il-Qorti tqis illi huwa generalment fl-ahjar interess tal-minuri illi tigi preservata r-relazzjoni taghhom maz-zewg genituri, indipendentement mill-istat tar-relazzjoni ta' bejn il-genituri stess. Illi l-Artikolu 57 tal-Kap 16 jipprovdi kif segwenti:

> ***(1) Tkun min tkun il-persuna li f'idejha jiġu fdati l-ulied minuri tal-miżżewġin, il-miżżewġin jibqgħu fil-jedd li jaraw li kollox qiegħed isir sewwa għal dak li hu***

> ***manteniment u edukazzjoni, u jibqgħu obbligati li joħorġu s-sehem li jmisshom għall-manteniment u l-edukazzjoni, skont il-liġi.***
>
> ***(2) Hu mħolli fid-dehen tal-qorti li tistabbilixxi, skont iċ- ċirkostanzi, iż-żmien, il-lok, u l-mod li fihom il-miżżewġin ikollhom aċċess għall-ulied.***
> ***(3) Il-qorti tista' tipprojbixxi għal kollox lill-missier jew lill-omm li jkollhom aċċess għall-ulied minuri tagħhom, meta dan jista' jkun ta' ħsara għall-ġid ta' l-istess minuri.***

Meta *si tratta* ta' drittijiet tal-minuri vis-à-vis d-drittijiet tal-ġenituri l-Qorti hija fid-dover li tqis dejjem dak li hu fl-ahjar interess tal-minuri u dan peress li fil-maggor parti tal-kazijiet li jitressqu ghad-decizzjonijiet tal-Qorti tal-Familja, kull decizzjoni immankabilment thalli effett duratur fuq il-hajja tal-minuri u fuq il-hajja ta' dawk ta' madwar il-minuri. Illi gie rilevat mill-Qrati illi:

> ***"Din il-Qorti tibda biex taghmilha cara li, fejn jidhlu minuri, m'hemmx dritt ghall-access, izda obbligu tal-genituri li t-tnejn jikkontribwixxu ghall-izvilupp tal-minuri li, ghal dan il-ghan, jehtigilha jkollha kuntatt ma' ommha u anke ma' missierha. Kwindi lil min jigi fdat bil-kura tal-minuri u kif jigi provdut l-access, jiddependi mill-htigijiet tat-tifla u mhux mill-interess tal-genituri…Huma l-genituri li jridu jakkomodaw lit-tfal, u mhux vice versa. L-importanti hu l-istabbilita` emozzjonali tat-tifla, u li din ikollha kuntatt mal-genituri taghha bl-anqas disturb possibbli.[9]***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta illi l-partijiet kienu f'relazzjoni intima u brevi, mill-liema relazzjoni twieldet il-minuri LMB nhar il-25 ta' Jannar 2010 u dana kif jirrizulta mic-certifikat tat-twelied *a fol 5* tal-atti. Illi l-minuri ghandha tlettax(13) – il sena. Illi l-partijiet irregolaw il-kura u l-kustodja, l-access u l-manteniment tal-imsemmija minuri permezz ta' kuntratt datat 9 ta' Novembru 2015, fl-atti tan-Nutar Dottor Tonio Cauchi. *(vide kuntratt a fol 6 et seq tal-atti.)*

Illi huwa ben stabbilit fil-gurisprudenza nostrana[10] illi ghalkemm huwa principju li kuntratt huwa ligi bejn il-partijiet u li l-massima legali "*pacta sunt servanda"* ghandha tigi segwita, fejn jidhlu

[9] Vide decisjoni tal-Qorti tal-Appell datata 3 ta' Ottubru 2008 fl-ismijiet Miriam Cauchi vs Francis Cauchi.
[10] Vide inter alia Angelle Bezzina vs Rudolph Aquilina deciza 30 ta' Settembru 2016 Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) u Ms vs L-Avukat Dr Keith Anthony Borg bhala mandatarju specjali tal-assenti DVC deciza minn din il-Qorti kif preseduta nhar il-15 ta' Dicembru 2021.

kuntratti li jistipulaw, bl-approvazzjoni tal-Qorti, f'idejn min ghandha tkun il-kura u kustodja ta' minuri kif ukoll il-modalita' tal-access tali stipulazzjonijiet jistghu, f'kazijiet eccezzjonali, jigu emendati ***jekk*** l-interess suprem tal-minuri jkun hekk jiddetta.

Illi ghalhekk din il-Qorti sejra issa tghaddi biex tezamina jekk effettivament l-attrici ippruvatx illi l-interess suprem tal-minuri wild il-partijiet jiddetta li dak kollu miftiehem mill-kontendenti fl-imsemmi kuntratt tad-9 ta' Novembru 2015 ghandux jigi varjat.

Illi fis-su citat kuntratt il-partijiet kienu qablu kif segwenti:

A. KURA U KUSTODJA:

1. ***Il-kura u l-kustodja tal-Minuri qieghda tigi fdata f'idejn iz-zewg (2) partijiet konguntivament, b'dana illi r-residenza tal-minuri ghandha tkun mal-Omm;***
2. ***(omissis);***
3. ***Il-partijiet ghandhom jiehdu flimkien u konguntivament bejnithom dawk id-decisjonijiet kollha li jikkoncernaw it-trobbija, is-sahha, l-edukazzjoni u r-religjon tal-Minuri, b'dana illi jekk ikun hemm xi emergenza waqt li t-tifla tkun ma' xi wahda mill-Partijiet tali parti ghandha tagixxi immedjatament fl-ahjar interess tal-minuri u tinforma lill-parti l-ohra fl-ewwel opportunita' li jkollha salv dejjem is-setghat tal-QOrti Civili (Sezzjoni Familja) jew tali Qorti illi tista' minn zmien ghal zmien tkun kompetenti, f'kaz ta' konflitt bejn l-istess partijiet;***

**(omissis)**

***B. ACCESS:***

***Il-Missier ghandu jkollu access liberu ghall-minuri fi granet u hinijiet miftehma bejn il-partijiet, fil-gimgha ta' qabel izda fin-nuqqas ta' ftehim bejn il-Partijiet, il-Missier ghandu jkollu access ghall-minuri mill-inqas erbgha darbiet fil-gimgha u cioe bil-mod segwenti:***

***(omissis)***

***C. MANTENIMENT:***

***21. Il-partijiet jaqblu u jaccettaw li fl-ewwel (1) jum ta' kull xahar jiddepoiztaw is-***

***somma ta' mitt Ewro (EUR 100) kull wiehed f'kont deskritt ghall-bzonnijiet tal-Minuri b'dana illi jekk f'xahar l-ispejjes tal-Minuri jmorru oltre l-ammont hekk prezenti fil-kont, kull parti jkollha l-obbligu li tohrog nofs l-ammont li mar oltra l-ammont hekk prezenti u dan billi kull parti tiddepozita l-flus fil-kont wara li tigi muriha d-debita ricevuta. Illi dan l-ammont ser jkun uzat ghall-bzonnijiet u spejjes ordinajri tal-minuri. Kull parti se jkollha access ghal dan il-kont tal-minuri b'dana illi da nil-kont ghandu jigi gestit unikament mill-Omm;***

***Illi l-ispejjes ta'sahha, edukazzjoni, uniformijiet, kotba privatijiet u attivitajiet extra-kurrikulari ghandhom jithallasu miz-zewg partijiet b'mod ugwali wara li jkun hemm qbil bejn il-partijiet u wara li tigi pprezentata d-debita rcevuta;***

**Ikkonsidrat:**

Tul il-mori tal-proceduri l-Qorti rat kif il-minuri, wild il-partijiet minkejja l-eta tenera taghha, ghaddiet minn snin partikolarment difficli li naturalment hallew impatt fuq il-minuri, u anke fuq il-partijiet kemm bhala individwi u bhala genituri. Illi ghalkemm din il-Qorti rat illi minn dejjem kien hemm differenzi sostanzjali fil-mod ta' kif il-partijiet dehrilhom illi l-minuri kellha titrabba, din il-Qorti taghraf illi kienu l-izviluppi ta' dawn l-ahhar snin, u l-hsibijiet li espremiet il-minuri mal-genituri li wassal sabiex jigu intavolati dawn il-proceduri, u r-rikjesta da parti tal-attrici omm sabiex dak originarjament maqbul bejn il-partijiet fil-kuntratt jigi varjat.

Il-Qorti tibda billi tissottolinea illi tali decisjonijiet huma relattivament kumplessi, ghaliex l-ezekuzzjoni taghhom ghandhom reperkussjonijiet fuq numru ta' individwi, u ma jitiehdux b'mod legger. Il-Qorti taghraf illi f'cirkostanzi normali, iz-zewg genituri ghandhom rwol importanti fil-hajja u fit-trobbija ta' uliedhom, u ghalhekk l-ebda wiehed mill-genituri m'ghandhu jigi eskluz mit-trobbija tal-ulied sakemm ma jkunx hemm ragunijiet serji li jwasslu lil Qorti li tiehu mizuri daqstant drastici. Illi l-istess dejjem gie ritenut fir-rigward l-access, fejn filwaqt li minn banda wahda huwa fl-interess tal-minuri li jkollhom relazzjoni sana maz-zewg genituri, huwa daqstant iehor fl-interess tal-minuri li l-programm tal-access m'ghandux ifixkel l-istabbilita' tal-minuri u johloq ansjeta inutli fl-istess minuri. F'tali materja, huwa ghalhekk li l-Qorti hija gwidata mill-ahjar interessi tal-minuri, u ghalhekk il-Qorti ghandha tezamina, jekk fic-cirkostanzi, huwiex fl-ahjar interess tal-minuri illi tigi varjata il-parti tal-kuntratt lamentata u jekk xi hadd mill-genituri ghandux effettivament jigi zvestit mill-awtorita' ta' genitur.

*Kura u kustodja tal-minuri:*

Din il-Qorti rat illi in forza ta' digriet pendente lite datat 8 ta' Gunju 2021 l-attrici kienet fdata bil-kura u l-kustodja temporanja tal-minuri u dan in vista tal-fatt illi kien qieghed ikun hemm diffikultajiet sabiex tottjeni il-kunsens u l-awtorizzazzjoni tal-intimat fir-rigward ta'terapija li kienet mehtiega ghall-minuri. Infatti il-Qorti awtorizzat lill-attrici tiddeciedi wahidha kull materja li ghandha x'taqsam mas-sahha tal-minuri minghajr il-firma jew kunsens tal-intimat.

Din il-Qorti tagharaf illi l-partijiet saru ġenituri ta' eta relattivament zghira, u filwaqt li l-attrici minkejja l-eta zaghzugha taghha gharfet tiehu r-rigni ta' hajjitha u dik tal-minuri f'idejha, l-intimat fil-frattemp kien ghadu qieghed jitqabad mal-problemi li kien rinfaccja fit-tfulija tieghu *f'home*. Illi ir-reazzjonijiet ghal dawn il-problemi kienu qed jigu esperjenzati mhux biss mill-intimat izda wkoll mill-attrici. Din il-Qorti tirrikonoxxi illi meta l-intimat telaq lejn Malta, ma telaqx minn Malta ghaliex ma riedx jibqa' parti mill-hajja tal-minuri, izda ghaliex gharaf illi kellu bzonn zmien biex jirrinfaccja dawn il-problemi. Illi l-istess rega ghamel recentement meta minn jeddu qabad u interrompa l-access supervizjonat ma' bintu ghaliex kien qieghed jaghraf illi l-minuri ma kienitx komda f'dawk ic-cirkostanzi. Illi filfatt kienu diversi xhieda illi stqarru li l-intimat dejjem kellu ghal qalbu l-ahjar interess tal-minuri, u li, bhal xi professjonisti li xehdu viva voce quddiem din il-Qorti, hu pprefera illi jaggixxi b'kawtela u prudenza meta l-minuri infurmatu illi hija m'ghadhiex tiddentifika mas-sesswalita' taghha.

Din il-Qorti tifhem illi tali sitwazzjonijiet huma difficli kemm ghal genituri ta' adoloxxenti zghar, kif ukoll ghall-minuri ilghaliex ir-reazzjonijiet da parti tal-genituri mhux necessarjament ikunu dawk ir-reazzjonijiet li l-minuri jkunu qieghdin jistennew, u lanqas ma jista' wiehed jippretendi illi r-reazzjoni ta' entrambi l-genituri ser tkun l-istess. Illi pero' dak li jkun jehtieg il-minuri f'dan il-perjodu turbulanti, huwa s-sapport, l-imhabba, il-konsistenza u l-moghdrija tal-genituri u persuni li jafu jisimghu il-hsibijiet u s-sentimenti tal-minuri minghajr ma jheggu lill-istess minuri biex jasal ghall-konkluzjonijiet prematuri.

Fil-kawza fl-ismijiet Zammit vs Zammit deciza fis-27 ta' Ottubru 2017 deciza mill-Qorti tal-Appell gie ritenut illi:

> ***"In tema legali issir referenza ghas-sentenza moghtija fit-3 ta' Ottubru 2008 fl-ismijiet Miriam Cauchi v. Francis Gauci fejn il-Qorti tal-Appell iddikjarat illi fejn il-genituri ma jitkellmux, talba ghall-kustodja kongunta ghandha tigi skartata***

***mill-Qorti. Din il-Qorti filwaqt li tiddikjara li taqbel ma' tali pronunzjament izzid illi l-istess principju japplika fejn iz-zewg genituri m'humiex kapaci jitkellmu b'mod civili ma' xulxin li l-kura u kustodja m'ghandhiex tkun kongunta ghaliex immankabilment tkun sors ta' litigji ulterjuri b'detriment serju ghall-benessere tal-minuri.***

Fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell fil-31 ta' Ottubru 2014 fl-ismijiet **Mario Darmanin v. Annalise Cassar** similarmnet intqal illi:

***"Dwar jekk kura u kustodja kongunta f'kazi bhal dawn hijiex l-ahjar soluzzjoni, din il-Qorti taqbel ma' sensiela ta' sentenzi moghtija minn din il-Qorti fl-ahhar snin u cioe' kif qalet din il-Qorti illi: "Il-Qorti qed tiskarta t-talba ghal kustodja kongunta ghaliex bhala sistema m'hijiex prattikabbli meta l-genituri ma jiftehmux bejniethom." (Miriam Cauchi v. Francis Cauchi – supra). Li wiehed jghid li f'din ilkawza l-partijiet mhux jiftehemu huwa "understatement". Il-Qorti tara li jekk tikkonferma d-decizjoni tal-ewwel Qorti f'dan l-aspett tkun qed taghti lok ghal hafna disgwid li ma jfisser xejn ghajr hsara lill-minuri, specjalment jekk kif jista' jigri fil-hajja ta' kull bniedem ikun hemm bzonn ta' decizjonijiet mghaggla u urgenti f'dan ir-rigward. Certament ghalhekk tali sitwazzjoni ma hija prattikabbli xejn fil-kaz in ezami".***

Mill-provi in atti, hija l-fehma konsideratat ta' din il-Qorti illi fil-prezent l-omm hija possibbilment aktar in sintonija mal-bzonnijiet u l-htigijiet tal-minuri f'dan il-perjodu tant delikat u partikolari, u qieghda tiehu l-inizjattiva sabiex teduka ruhha ahjar b'tali mod li tkun tista'tindirizza il-bzonnijiet u l-htigijiet tal-minuri b'mod aktar infurmat.

Din il-Qorti ma tistax pero' ma turix it-thassib taghha fil-manjiera illi l-attrici ghamlet bsaten fir-roti fit-tentattiv taghha sabiex l-access tal-missier mal-minuri ma jizvilluppax kif imiss u kif kien qed jidher li qed isir. Il-Qorti rat ukoll illi l-omm biddlet ammont konsiderevoli ta' counsellors, psikologi jew terapisti u psikjatri tat-tifla b'mod li ftit kienu dawk illi verament setghu jaghrfu u jaghmlu dijanjozi tal-minuri LMB. Illi ghaldaqstant il-Qorti mhijiex disposta illi takkorda l-kura u kustodja esklussiva lil omm. Izda fl-istess waqt il-Qorti tifhem illi l-kontendenti certament ma jistghux jilhqu ftehim fuq il-kwistjonijiet ta' sahha tal-minuri specjalment dawk tas-sahha mentali. Ghaldaqstant fejn jirrigwardja kwistjonijiet ta' sahha tal-minuri l-Qorti hija kostretta fl-ahjar interess tal-minuri u sabiex il-minuri ma tigiex esposta ghal dannu akbar illi thalli dawn il-

kwistjonijiet f'idejn l-attrici wahidha. Dan ma jghoddx pero' ghal decizjonijiet l-ohrarigwardanti edukazzjoni, safar, hrug ta' passaport u t-tigdid tieghu, liema decizjonijiet ghandhom jittiehdu miz-zewg genituri.

Illi ghal dawn ir-ragunijiet din il-Qorti tqis illi jkun fl-ahjar interess tal-minuri illi l-kura u kustodja tal-minuri tibqa' wahda kongunta bejn il-partijiet b'dana li kwalsiasi decisjonijiet relatati mas-sahha tal-minuri, b'mod partikolari is-sahha u l-kura mentali tal-minuri ghandhom jigu decizi unikament mill-omm.

*Access:*

Fir-rigward access, tenut kont tal-eta' tal-minuri, ic-cirkostanzi delikati tal-kaz odjern, u l-provi migjuba a konjizzjoni tal-Qorti li jindikaw il-manjiera li biha l-access tal-missier ghall-bintu gie mwaqqaf ripetutament, din il-Qorti tqis ikun fl-ahjar interess tal-minuri li hija tithalla fil-liberta' li tiddetermina jekk l-access mal-intimat missier ghandux jipprosegwi jew le. Illi fl-eventwalita' li l-minuri tiddeciedi li hija trid li tipprosegwi b'xi forma ta'access, dan ghandu jkun komunikat lill-intimat tramite l-avukati difensuri tal-partijiet jew il-professjonisti li qed jindukraw lill-minuri.

Illi fl-eventwalita' li tali access ser jipprosegwi, din il-Qorti tqis illi jkun ahjar jekk tali access issehh f'postijiet pubblici ghall-appert bil-hsieb illi dan possibbilment johoq inqas ansjeta fil-minuri.

*Manteniment:*

Fir-rigward it-talba tal-attrici ghall-arretrati tal-manteniment dovut ghall-minuri, hija l-fehma konsiderata ta' din il-Qorti illi gialadarba dana l-obbligu jirrizulta mill-kuntratt su citat, din hija kwistjoni ta' infurzar ta' **obbligazzjoni naxxenti minn kuntratt**, u ghalhekk ma taqax taht il-kompetenzi ta' din il-Qorti.

Fir-rigward ghat-talba ghall-awment tal-manteniment din il-Qorti rat illi l-partijiet kienu qablu illi:

*Il-partijiet jaqblu u jaccettaw li fl-ewwel (1) jum ta' kull xahar jiddepoiztaw is-somma ta' mitt Ewro (EUR 100) kull wiehed f'kont deskritt ghall-bzonnijiet tal-Minuri b'dana illi jekk f'xahar l-ispejjes tal-Minuri jmorru oltre l-ammont hekk prezenti fil-kont, kull parti jkollha l-obbligu li tohrog nofs l-ammont li mar oltra l-ammont hekk prezenti u dan billi kull parti tiddepozita l-flus*

*fil-kont wara li tigi muriha d-debita ricevuta. Illi dan l-ammont ser jkun uzat ghall-bzonnijiet u spejjes ordinajri tal-minuri. Kull parti se jkollha access ghal dan il-kont tal-minuri b'dana illi dan il-kont ghandu jigi gestit unikament mill-Omm;*

Filwaqt li din il-Qorti tifhem ic-cirkostanzi li jinsab fihom l-intimat, minn naha l-ohra tifhem dak sottomess mill-attrici u d-diffikultajiet u l-pizijiet kollha li hija qieghda tirriskontra stante li l-ispejjes tal-minuri qieghdin jizdiedu. Illi fic-cirkostanzi din il-Qorti tordna illi l-manteniment dovut mill-intimat ghandu jizdied ghal EUR 200 liema ammont jinkludi sehem l-intimat mill-ispejjes ta'sahha, edukazzjoni u attivitajiet extra-kurrikulari tal-minuri. Din il-Qorti tordna illi dana l-ammont ghandu jigi versat direttament f' kont bankarju indikat mill-attrici ghal dana l-iskop u ghandu jitnaqqas direttament mis-salarju/qliegh/ u/jew kwalunkwe beneficcju li l-intimat jista' jkun qieghed talvolta jippercepixxu. Din il-Qorti tordna illi dana l-manteniment ghandu jizdied skond l-indici tal-gholi tal-hajja.

**Ghal dawn il-motivi din il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:**

1. **Tilqa' l-ewwel talba limitatament u tvarja l-kuntratt datat 9 ta' Novembru 2015 fl-atti tan-Nutar Dr Tonio Cauchi fl-ahjar interess tal-minuri u tordna illi l-kura u l-kustodja tal-minuri tibqa' wahda kongunta izda l-attrici minn issa hija awtorizzata li wahidha tiehu id-decizjonijiet kollha straordinarji jew ordinarji li ghandom x'jaqsmu mas-sahha tal-minuri inkluz is-sahha mentali taghha.**

2. **Tilqa' limitatament it-tieni talba fir-rigward tas-sahha tal-minuri kif fuq spjegat u tichad it-talba fejn si tratta tal-edukazzjoni tal-minuri, liema decizjonijiet ghandhom jittiehdu minn entrambi genituri;**

3. **Tichad it-tielet talba tal-attrici u tordna illi ghar-rigward ta' decizjonijiet dwar safar u hrug u tigdid tal-passaport tal-minuri, dawn id-decizjonijiet ghandhom jittiehdu miz-zewg genituri;**

4. **Tichad ir-raba talba u tordna illi fir-rigward access din il-Qorti thalli lill-minuri fil-liberta' li tiddetermina hi jekk l-access mal-intimat missier ghandux jipprosegwi jew le. Illi fl-eventwalita' li l-minuri tiddeciedi li hija trid li tipprosegwi b'xi forma ta'access, dan ghandu jkun komunikat lill-intimat tramite l-avukati difensuri tal-**

partijiet jew il-professjonisti li qed jindukraw lill-minuri. Illi fl-eventwalita' li tali access jipprosegwi, tali access ghandu jsehh f'postijiet pubblici.

5. Tilqa' l-hames talba, billi tvarja l-klawzola C tal-kuntratt u tordna illi l-manteniment dovut mill-intimat ghandu jizdied ghal EUR 200 liema ammont jinkludi sehem l-intimat mill-ispejjes ta'sahha, edukazzjoni u attivitajiet extra-kurrikulari tal-minuri. Din il-Qorti tordna illi dana l-ammont ghandu jigi versat direttament f' kont bankarju indikt mill-attrici ghal dana l-iskop u ghandu jitnaqqas direttament mis-salarju/qliegh/ u/jew kwalunkwe beneficcju li l-intimat jista' jkun qieghed talvolta jippercepixxu. Din il-Qorti tordna illi dana l-manteniment ghandu jizdied skond l-indici tal-gholi tal-hajja.

6. Tichad is-sitt talba ghat-ragunijiet su-indikati.

Bla taxxa bejn il-partijiet.

Moqrija.

Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)

Lorraine Dalli
Deputat Registratur